

Brussell, 1 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

9905/25

ECOFIN 712  
UEM 246  
SOC 381  
EMPL 251  
COMPET 491  
ENV 474  
EDUC 223  
ENER 214  
JAI 778  
GENDER 93  
JEUN 123  
SAN 298  
*ECB*  
*EIB*

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	NOTA TA' SPJEGAZZJONI TAL-KUNSILL Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2025

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż n-nota ta' spjegazzjoni finali li takkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2025.

## Nota ta' spjegazzjoni

*Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill  
lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew*

L-Artikolu 29 tar-Regolament 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, jistipula li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

F'konformità ma' din ir-regola li "jsegwi jew jispjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) lill-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2025 li dwarhom m'hemmx qbil mill-Kummissjoni.

Il-Kunsill qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

### **Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 għall-Belġju**

*Test tal-Kummissjoni:*

Jagħmel is-sistema tal-kura fit-tul aktar kosteffettiva.

*Test maqbul:*

Jagħmel is-sistema tal-kura fit-tul aktar kosteffettiva **filwaqt li jżomm l-aċċess għall-kura u s-servizzi affordabbli.**

## Spjegazzjoni:

Fil-Premessa 26, it-test jindika li "*Id-data disponibbli tissuġġerixxi li s-sehem ta' individwi li huma indipendenti jew ftit dipendenti fuq il-kura u li jgħixu f'faċilitajiet ta' kura residenzjali kien għoli fir-Reġjun ta' Brussell u fil-Wallonia. Barra minn hekk, is-sehem ta' persuni akbar fl-età mqiegħda bla bżonn jew tal-anqas b'mod prematur f'faċilità ta' kura residenzjali għadu għoli, għalkemm kien qed jonqos tul l-aħħar deċennju. L-awtoritajiet governattivi federati bdew riformi biex jagħmlu l-użu tal-ambjenti differenti tal-kura aktar kosteffettiv, b'mod partikolari biex jevitaw u jdewmu l-użu mhux meħtiegħ jew prematur tal-kura residenzjali. Dawn il-miżuri jeħtiegħ li jiġu implimentati permezz ta' azzjonijiet li jħallu impatt, b'mod partikolari biex tinkiseb il-kosteffettività ta' ċerti għażliet ta' kura fit-tul bħall-kura istituzzjonali, filwaqt li l-aċċess għall-kura u s-servizzi jinżamm affordabbli."*

## **Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 għall-Italja**

### *Test tal-Kummissjoni:*

Ittaffi l-effetti tat-tixjiħ fuq it-**tkabbir** potenzjali u s-sostenibbiltà fiskali, inkluż billi tillimita l-użu ta' skemi ta' rtirar bikri u billi tindirizza l-isfidi demografiċi, filwaqt li tattira u żżomm forza tax-xogħol ta' kwalità għolja.

### *Test maqbul:*

Ittaffi l-effetti tat-tixjiħ fuq it-**tkabbir** potenzjali u s-sostenibbiltà fiskali, inkluż billi tillimita **aktar** l-użu ta' skemi ta' rtirar bikri u billi tindirizza l-isfidi demografiċi, filwaqt li tattira u żżomm forza tax-xogħol ta' kwalità għolja.

### Spjegazzjoni:

Il-Kunsill qies l-isforzi li saru mill-Italja, jiġifieri li l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-iskema ta' rtirar bikri ġew ristretti progressivament f'dawn l-aħħar sentejn. Fir-raġunament tagħha, l-Italja fakkret li permezz tal-Liġi tal-Baġit 2025, il-ħaddiema li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-irtirar bikri sal-31 ta' Diċembru 2025 huma inċentivati jibqgħu jaħdmu bir-rinunzja tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi li jitħallsu direttament lill-ħaddiema, fejn dan l-ammont ma jitqiesx bħala introjtu taxxabbli. Barra minn hekk, għall-impjegati tas-settur pubbliku, tneħħa l-obbligu li jirtiraw malli jilhqqu l-limitu statutorju tal-età għall-irtirar bikri. Il-bidla hija konformi mal-emenda għall-premessa 22.

### **Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 għal Malta**

#### *Test tal-Kummissjoni:*

Telimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili, inkluż il-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza għall-enerġija.

#### *Test maqbul:*

Tneħħi gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili [...].

### Spjegazzjoni:

Għalkemm il-Kunsill jirrikonoxxi li s-CSR4 tiffoka aktar fid-dettall fuq il-politika tal-enerġija, il-Kunsill ikkunsidra t-tħassir tar-referenza għat-tneħħija gradwali ta' miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza taħt din is-CSR, peress li diġà tista' tinstab referenza simili fis-CSR1 għal Malta bil-formulazzjoni li ġejja: "*Tneħħi l-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza għall-enerġija*".

## Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għal-Litwanja

### *Test tal-Kummissjoni:*

Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tixpruna l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji u l-parteċipazzjoni fis-swieq finanzjarji u permezz ta' reġistrazzjoni awtomatika fl-iskema tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru.

### *Test maqbul:*

Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tistimola l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji u l-parteċipazzjoni fis-swieq finanzjarji **billi tiffaċilita l-użu tat-tfaddil għall-investment** [...].

### Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jaqbel li jirrakkomanda li l-Litwanja tiegħu azzjoni fl-2025 u l-2026 biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-Kunsill jaqbel li jirrakkomanda t-titjib tal-aċċess billi tiġi stimolata l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji u l-parteċipazzjoni fis-swieq finanzjarji. L-istimulazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-swieq finanzjarji tinvolvi l-iffaċilitar tal-użu tat-tfaddil għall-investment, li ma jeskludix ir-reġistrazzjoni awtomatika fl-iskema tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru. Il-Kunsill jinnota l-kwistjonijiet relatati mal-bidliet ippjanati għall-iskema tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru kif deskritti fil-premessa 26 tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 2025 lil-Litwanja.

## Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 5 għal-Lussemburgu

*Test tal-Kummissjoni:*

Itejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa billi tiġi żgurata d-disponibbiltà xierqa ta' ħaddiema tas-saħħa. Jaċċellera r-riformi biex itejbu l-governanza tas-sistema tas-saħħa u s-saħħa elettronika.

*Test maqbul:*

Itejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa billi **jiġu aċċellerati r-riformi u** tiġi żgurata d-disponibbiltà xierqa ta' ħaddiema tas-saħħa. [...]

Spjegazzjoni:

It-test tar-rakkomandazzjoni ġie emendat fil-livell tal-Kumitat biex jirrifletti aħjar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali, inkluż il-governanza tagħhom. Il-Kumitat fittex test ta' kompromess biex jiżgura l-konformità mal-Artikoli 121 u 148 TFUE, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u l-organizzazzjoni u l-ġhoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika.

## Estratt mill-Premessa 35 għal-Lussemburgu

*Test tal-Kummissjoni:*

Użu aktar effiċjenti ta' riżorsi limitati u governanza aħjar huma prekondizzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa.

*Test maqbul:*

Użu aktar effiċjenti ta' riżorsi limitati **u l-aċċellerazzjoni tar-riformi huma [...]** prekondizzjoni **jiġet** biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa.

Spjegazzjoni:

It-test tal-premessa 35 ġie emendat fil-livell tal-Kumitat biex jirrifletti l-formulazzjoni maqbula fir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 5.